Fondi tal-UE ghal Malta 2014-2020

SEGRETARJAT PARLAMENTARI
GĦALL-FONDI EWROPEJ U D-DJALOGU SOĊJALI

## Il-*Gozo Action Group Foundation qiegħda toħroġ it-tieni* sejħa għall-Miżura 1 – GAG 1 - ‘*Gozo in 21st Century Media*’ taħt il-programm LEADER 2014-2020

Il-Fondazzjoni *Gozo Action Group Foundation* (GAGF) tħabbar li ħarġet it-tieni sejħa għall-proposti, għall-miżura 1 taħt il-programm LEADER 2014 - 2020. Din l-Azzjoni tifforma parti mill-istrateġija għall-iżvilupp Lokali ta’Għawdex u Kemmuna.

L-għan ewlieni ta din il-mizura hi li tiġi żviluppata pjattaforma tal-*ICT* midja għal valoriżżazjoni tal-kunċett ta’ l-istil tal-ħajja Għawdxija. Għal din is-sejħa, ġew allokati **€240,000 ta’ fondi pubbliċi.**

Il-Benefiċjarji eliġibbli għal fondi taħt din il- miżura għandhom ikunu sħubija bejn operaturi fil-kummerċ – idealment li jkollhom x’jaqsmu mil-*IT*, midja, turiżmu, ambjent, agrikultura, manifattura/artiġjanat, setturi tal-kreattività, u/jew gruppi rappreżentanti tagħhom, u għaqdiet mhux governattivi. Parteċipazzjoni mill Kunsilli Lokali, istituzzjonijiet tal-edukazzjoni, u korpi rappreżentattivi huma mħeġġa ikunu parti min din l-sħubija.

Se tiġi organizzata laqgħa ta’ informazzjoni fuq din il-miżura nhar il-Ġimgħa 31 ta’ Mejju, 2019 fil-10:30am fil-*Gozo NGO Centre*, Triq il-Madonna tar-Rummiena, ix-Xewkija, Għawdex.

Din is-sejħa tiftaħ nhar it-Tnejn, 3 ta’ Ġunju, 2019. L-ewwel sett ta’ applikazzjonijiet jintlaqa’ sal-Ħamis, 25 ta’ Lulju, 2019 f’nofsinhar. Kull kjarifika mill-applikanti għall-ewwel sett ta’ applikazzjonijiet, għanda tasal għand il-GAGF sa mhux iktar tard mil-Ġimgħa, 12 ta’ Lulju, 2019.

It-tieni sett ta’ applikazzjonijiet jintlaqa sat-Tnejn, 30 ta’ Settembru, 2019 f’nofsinhar. Kull kjarifika mill-applikanti għat-tieni sett ta’ applikazzjonijiet għanda tasal għand il-GAGF sa mhux iktar tard mil-Ġimgħa, 13 ta’ Settembru, 2019**. It-tieni sett tal-applikazzjonijiet jintlaqa’ biss diment li jkun għad fadal fondi disponibbli mill-ammont allokat għal din is-sejħa.**

L-Applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi fl-uffiċji tal-Gozo Action Group Foundation, 23, Triq G.P.F. Agius De Soldanis, Victoria, Għawdex, VCT 1032. Iktar informazzjoni tista’ tinkiseb billi jċempel fuq 2155 0322 jew b’email info@leadergozo.eu. Applikazzjoni u linji ta’ gwida jistgħu jitniżżlu minn: www.leadergozo.eu.

**Applikazzjonijiet li jiġu sottomessi tard ma jiġux aċċettati.**


**Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta 2014–2020**

LEADER

Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)

Rata ta’ Ko-finanzjament:

75% Unjoni Ewropea, 25% Gvern ta’ Malta

**Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali**

***L-Ewropa Tinvesti f’Żoni Rurali***